**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 18 – 24 ta' Lulju 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-6.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 18. Il-laqgħa bdiet fis-6.20pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Brian Bonnici | Sindku |
| | Alfred Grixti | Viċi-Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda persuna tal-pubbliku preżenti. | |

Is-Sindku Brian Bonnici spjega li l-laqgħa saret il-ġimgħa fuq talba tal-Viċi Sindku Alfred Grixti peress li l-ġimgħa ta' wara kellu mpenji personali.

**1. QARI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Brian Bonnici talab li l-minuti ta' Aġenda 17 jittieħdu bħala moqrija, huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2. KORREZZJONIJIET**

2.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li ma punt 6.2. tal-minuti jiżdied li huwa kien jaħseb li dak ix-xogħol seta' jsir b' madwar €300.

## 3. ARISING OUT

3.1. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien sar jaf li jeżisti makkinarju li jirriċikla tarmac l-antik. Il-Viċi Sindku spjega lid an il-makkinarju eventwalment ikun jista jiġi użat waqt li jkun għaddej il-proġett ta' toroq tal-Kunsill u t-tarmac li jiġi riċiklat jitqiegħed f' toroq f' żoni rurali. Il-Viċi Sindku semma t-triq tal-Ħlas u Sqaq il-Pala, fost l-oħrajn. Kien hemm qbil li jintalab il-parir tal-perit fuq din il-proposta.

3.2. Il-Kunsillier George Cortis ressaq ilment dwar laqgħa mal-MEPA organizzata mill-Kunsill. Huwa lmenta li l-kunsilliera ma kienux avżati u li l-kunsill ma messux daħal f' din il-kwistjoni. Is-Sindku spjega li din kienet laqgħa informattiva sabiex ir-residenti jifhmu aħjar il-kambjament li saru fil-policies li jolqtu liż-żoni tagħhom u fuq diversi talbiet tar-residenti u tal-operaturi kummerċjali taż-żona. Is-Sindku kompla jgħid li l-kunsilliera ma ġewx notifikati minħabba nuqqas ta' ftehim bejnu u s-segretarju.

3.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk il-wardens għadhomx joperaw ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Huwa qal li kien ilu minn Mejju ma' jara wieħed. Is-Sindku wieġbu li l-wardens kienu għadhom qed joperaw iżda s-sorveljar kien qiegħed isir madwar il-periferiji fuq talbiet tar-residneti, u f' żoni bi problemi speċifiċi fosthom iż-żona ta' Għarram. Is-Sindku kompla jgħid li eventwalment is-sorveljar kollu fil-pjazza se jsir bil-cameras.

3.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius irringrazzja lis-segretarju tar-rapport li prepara fuq l-issues li kien hemm pending.

3.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-Kunsill kien beda jiddiskuti l-inizjattiva li jkollu website adegwata iżda dan qatt ma kompla. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li din l-inizjattiva tiġi segwita mill-Viċi Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier Emanuel Agius. Kien hemm qbil li jkun hemm budget ta' madwar €800 u din tkun lesta ghal Ottubru.

3.6. Il-Kunsillier George Cortis wera l-apprezzament tiegħu għall-fatt li l-Kunsill niżżel il-bandiera mezza asta bħala sinjal ta' rispett għall-luttu familjari tiegħu u lejn dawk il-kunsilliera li attendew il-funeral.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill b' laqgħat li kienu qed isiru mal-kumpanija Guard & Warden, fil-presenza tal-Uffiċjal Awtorizzat. Is-Sindku

spjega li kienu qed isiru taħdidiet sabiex il-pjazza tkun sorveljata unikamnet permezz ta' CCTV cameras.

5.2.1. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suġġeriment sabiex isiru sleeping policemen fi Vjal il-Ħelsien. Huwa spjega li f' din it-triq kien qiegħed isir sewqan eċċessiv u dan kien ta' periklu għar-residenti. Il-Kunsillier Emanuel Agius wieġeb li huwa ma jaqbilx ma' din il-proposta. Is-Sindku Brian Bonnici kkummenta li xi ġimgħat ilu kienet avviċinatu mara li kellha aċċident u li talbet pelican lights fl-istess triq. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li huwa kontra din il-proposta sakemm l-ADT ma tieħux azzjoni dwar l-affarijiet kollha li hemm pending anke relatati ma din it-triq.

Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex jitwaħħlu sleeping police fi Vjal il-Ħelsien. Huwa ġie ssekondat mis-Sindku Brian Bonnici.

Dawk Favur; Is-Sindku Brian Bonnici, il-Viċi Sindku Alfred Grixti, il-Kunsillier George Cortis.

Dawk Kontra; Il-Kunsillier Dominic Cutajar, il-Kunsillier Emanuel Agius.

Astensjonijiet; Ħadd

5.2.2. Is-Sindku Brian Bonnici qal li qabel jeħlu dawn l-sleeping policemen xorta waħda l-ewwel ried jinġieb il-permess tal-ADT.

5.3. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-minuti tal-aħħar laqgħa u ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li permezz ta' fondi tal-unjoni ewropeja jittrasforma ġnien l-indipendenza f' ċentru għas-snajja. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li l-Kunsill kien għaddej b' ħidma sabiex issir heritage walk flimkien mal-MTA. Huwa kompla jgħid li nbdew kuntatti mas-sur Julian Zarb mis-Socjeta Turistika Maltija, sabiex jiggwida lill-kunsill f' dan il-proċess.

5.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo daħal għal-laqgħa fis-6.55pm.

5.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ta' rendikont lill-Kunsill ta' dak li ħareġ mill-laqgħa li saret dwar il-bus shelters. Huwa spjega li l-kuntrattur talab li jitnaddaf is-solar panel, jinħolqu clips apposta sabiex jaqbad maghhom ir-reklam, u titnehha l-karta li tħalliet mal-perspex peress li din ma tistax tinqala. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li minn naħa tal-Kunsill intalab li l-kuntrattur juri li s-sistema kapaċi taħdem għal ġimgħa sħieħa bla waqfien. Il-Kunsillier Agius qal li huwa għamel spezzjonijiet u l-bus shelter kien mixgħul iżda dejjem fuq bozza waħda mentri wieħed irid jarah mixgħul fuq erba bozoz.

5.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb jiġbor iż-żebbuġ kollu ta' madwar ir-raħal mis-siġar u jagħsar dan iż-żejt u jsir forma ta' festival taż-żejt taż-żebbuġa. Is-Sindku Brian Bonnici talab lill-kunsillier Agius jifformula proposta sabiex tiġi diskussa.

5.7. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq proposta lill-kunsill sabiex permezz ta' meter reader jeduka lir-residenti Żebbuġin fuq kif jistaw jiffrankaw l-flus billi joqgħodu attenti għall-konsum fid-djar tagħhom. Huwa ppropona li l-kunsill jixtri numru ta' meter readers u dawn jingħataw on loan lir-residenti fuq deposit. Flimkien ma din l-inizjattiva jinħoloq leaflet edukatti fejn ir-residenti jiġu nfurmati bil-benefiċċji ta' konsum għaqli tal-elettriku. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li din il-proposta trid tiġi kkunsidrata.

5.8. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ġibed l-attenzjoni dwar laqgħat li saru dwar skema tal-sports bejn il-kunsill lokali u l-kunsill malti għall-isport. Is-segretarju spjega dak li ġei diskuss f' din il-laqgħa. Il-Kunsillier Cutajar talab lis-segretarju sabiex meta jkun hemm laqgħat simili jinfurmah.

5.9. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti talab li jkun jaf kienx qiegħed jintalab ħlas għall-korsijiet tal-kompjuter offruti mill-kunsill għax ġie avviċinat minn xi persuni li qalulu hekk. Is-segretarju wieġeb li għall-kors etfal, li kien l-uniku kors li l-kunsill kien qed joffri fil-preżent, jintalab biss ħlas għan-notes. Is-segretarju kompla jgħid li t-TCTC toffri ċ-ċans lil nies sabiex jagħmlu korsijiet oħra apparti dawk sussidjati mill-kunsill u dawk ikunu bi ħlas.

5.10. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li kien għaddej b' ħidma ma' persuna oħra sabiex il-kunsill jissottometti applikazzjoni għall-fondi mill-European Social Fund.

5.11. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li rċieva korrispondenza fejn tindika li bir-riforma tat-trasport pubbliku l-venda se tiċċaqlaq u ssir hdejn il-Bieb de Rohan u jiġi provdut servizz ċirkolari madwar il-lokal. Kien hemm qbil li l-kunsill jibgħat ittra sabiex jitlob iktar informazzjoni dwar dan.

## 6. VOT TA' FLUS

6.1. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq il-vot ta' flus (Appendix A) għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku kjarifika xi mistoqsijiet tal-kunsilliera

6.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-ispejjeż relatati ma' Ħaż-Żebbuġ Jistiednek kienu wisq u qal li sa fejn jaf hu l-Kunsill kien iddeċieda fuq budget. Is-Sindku spjega li f' waħda mill-laqgħat il-Viċi Sindku kien ressaq quddiem il-Kunsill il-bżonn li minħabba diffikulta

sabiex jinstabu l-isposnors, jiffinanzja fejn wieħed ma jasalx bl-isponsors. Is-Segretarju għamel referenza għall-minuti fejn ittieħdet din id-deċiżjoni.

6.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li din kienet attivita fqira. Il-Kunsillier Emanuel Agius wieġeb li għalkemm ma jaqblix li ntefqu daqshekk flus, wieħed ma jistax jgħid li kienet attivita fqira. Is-Sindku Brian Bonnici qal li l-kunsill irċieva feedback tajjeb ħafna fuq l-attivita u stieden lill-kunsilliera sabiex darb' oħra jagħtu għajnuna akbar fil-preparazzjoni tal-attivita u mhux joqgħodu jikkritikaw wara. Is-Sindku spjega li saru laqgħat apposta fejn il-kunsilliera kienu mistiedna jiġu u jagħtu l-ideat tagħhom imma ftit kienu l-kunsilliera li attendew.

6.3. Il-Kunsillier Agius ikkummenta li huwa kien se jivvota kontra l-pagamenti relatati ma' Ħaż-Żebbuġ Jistiendek.

6.4. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq il-pagamenti kollha esklużi dawn ta' Ħaż-Żebbuġ Jistiednek għall-approvazzjoni tal-kunsill. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Il-pagamenti ġew approvati b' mod unanimu.

6.5. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq il-pagamenti ta' Ħaż-Żebbuġ Jistiednek għall-approvazzjoni tal-kunsill. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Brian Bonnici, il-Viċi Sindku Alfred Grixti, Il-Kunsillier Dominic Cutajar, il-Kunsillier Duncan Bartolo.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsillier Emanuel Agius, Il-Kunsillier George Cortis

**Astensjonjiet;** Ħadd

Il-pagamenti ġew approvati.

## 7. TENDER SOFT AREAS

7.1. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq quddiem il-kunsill l-offerti li l-kunsill irċieva għat-tender tat-tindif tas-soft areas. Huwa spjega f' xiex jikkonsistu ż-żewġ offerti.

| | |
|---|---|
| Wilson Mifsud | €19,000 |
| ELC | €15,000 (Option A) |
| ELC | €17,500 (Option B) |

7.2. Is-Sindku Brian Bonnici spjega li fl-opinjoni tiegħu l-paragun irid isir bejn il-figuri ta' €17,500 u €19,000 sabiex il-paragun isir fuq l-istess bażi. Is-

Sindku kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu huwa aħjar li l-Kunsill ikompli juża servizz ta' kuntrattur li jaf x' jista joffri, huwa mill-lokal, u l-kunsill jaf li dejjem ħadem tajjeb. Is-Sindku qal li bil-mod kif inħadem il-kuntratt neħħa lok għal ħlasijiet extras.

7.3. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa jipproponi li l-kuntrattur jintalab sabiex darba fis-sena jagħmel manutenzjoni u jiżbogħ il-kurduni tas-soft areas ewlenin. Huwa ressaq mozzjoni sabiex jekk il-kuntrattur Wilson Mifsud jaqbel li jagħmel manutenzjoni u jiżbogħ il-kurduni tas-soft areas ewlenin daeba f' sena, huwa jingħata l-kuntratt tas-soft areas. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Brian Bonnici, il-Viċi Sindku Alfred Grixti, Il-Kunsillier Dominic Cutajar, il-Kunsillier Duncan Bartolo, il-Kunsillier George Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonjiet;** Il-Kunsillier Emanuel Agius

7.4. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jkun skużat minħabba raġunijiet personali. Huwa telaq fis-7.55pm.

## 8. BUS SHELTER PJAZZA

8.1. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq quddiem il-kunsill numru ta' kwotazzjonijiet li nġabru sabiex jinbidel il-bus shelter tal-pjazza hekk kif miftiehem mill-kunsill. Is-Sindku spjega li uħud mill-proposti riedu jiġu modifikati ħalli jisodisfaw il-ħtiġijiet tal-kunsill. Is-Sindku Brian Bonnici spjega li dawn il-kwotazzjonijiet kienu ha jitqassmu lill-kunsilliera sabiex deċiżjoni dwarhom tittieħed fil-laqgħa li jmiss tal-kunsill.

## 9. KIOSKS GANPULA

9.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li fl-aħħar xhur il-kunsill irċieva diversi talbiet minn sidien ta' kiosks sabiex dawn jarmaw hdejn ganpula. Is-Sindku spjega li ma jistax ikun li kullħadd jingħata permess għax inkella dan il-post jispiċċa qisu l-festa jew il-monti. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill irid ifassal policy fuq il-permessi għax ma jistax ikun li l-bejjiegħa jibqaw jiġu għandu jagħmlu l-pressjoni fuqu sabiex jinħareġ permess. Huwa qal li din għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li għall-aħħar sentejn dejjem l-istess 3 bejjiegħa applikaw għall-permess b' mod regolari u għalhekk kien qiegħed jissuġġerixxi li l-kunsill jibqa joħroġ permess biss li dawn it-tlieta u l-ebda bejjiegħ ġdid ma

jingħata permess ieħor. Kien hemm diskussjoni u s-Sindku ressaq din il-mozzjoni;

Li jibqaw jinħarġu permessi biss lill-bejjiegħa li jarmaw attwalment li huma tlieta, u li ebda bejjiegħ ġdid ma jingħata permess li jarma. Li jekk xi ħadd jieqaf jarma, ma jarma ħadd fil-post tiegħu. Kulħadd jarma fil-postijiet assenjati għalih u jekk xi bjjiegħ jinqabad jarma bla permess dan jiltef id-dritt li jarma fil-futur. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Kien hemm qbil unanimu.

## 10. RAPPORT LAQGĦA MEPA

10.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li fuq talba tar-residenti u l-operaturi kummerċjali taż-żona, ġiet organizzata laqgħa fejn uffiċjali tal-MEPA spjegaw aħjar it-tibdil fil-policies li jirregolaw it-tip ta’ permessi li jinħarġu f’ dik iż-żona. Is-Sindku kompla jgħid li minn din il-laqgħa ħareġ ukoll li l-kunsill qabel ma laħaq Sindku hu, ġie avviċinat sabiex jagħti l-kummenti tiegħu iżda dan qatt ma għamel dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm.

Brian Bonnici
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv